# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru : 38**
**Rikors Guramentat Numru : 877/2016/LSO**

**Dr John Mary Mifsud (ID 787854 (M))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr John Mary Mifsud (ID787854 (M) datat 3 ta' Ottubru 2016 fejn bil-gurament tieghu kkonferma : -

Dikjarazzjoni dwar l-oggett tal-kawza

1. Illi fic-certifikat tat-twelid ta' l-esponent (kopja mmarkata bhala Dok. A), li jgib in-numru ta' registrazzjoni 7878 tas-sena 1954, hemm indikat fit-tielet kolonna tal-istess, taht l-intestatura 'Isem il-Wild', l-isem ta' 'John Mary';

2. Illi r-rikorrent John Mary Mifsud dejjem uza l-isem ta' 'John'; u l-familja tieghu, u s-socjeta' u l-awtoritajiet in generali dejjem u konsistentement uzaw ghalih l-isem ta' 'John',

3. Illi ghalhekk l-isem ta' 'John' u mhux dak ta' 'John Mary' huwa fil-fatt l-isem li bih ir-rikorrenti John Mary Mifsud kien u ghadu konsistentement maghruf u msejjah;

Raguni tat-Talba

4. Illi r-rikorrent jixtieq li jsir tibdil fl-att tat-twelid tieghu, li konsegwentement jigi registrat u rifless f' kull att tal-istat civili relattiv ghalih;

5. IIIi l-esponent jaf dawn il-fatti personalment.

Talba

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponent qieghed bil-qima jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:

1. Tiddikjara illi l-esponent kien u ghadu maghruf konsistentement bl-isem ta' 'John' u mhux 'John Mary';

2. Tordna, *ai termini* ta' l-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-esponent li jgib in-numru ta' registrazzjoni 7878 tas-sena 1954 billi taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" ossia "Isem il-Wild", jithassar l-isem 'John Mary' u minflok jigi registrat l-isem 'John';

3. Tordna li dan il-bdil f'isem l-esponent jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess esponent b'mod illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi isem l-esponent ikun 'John' u mhux 'John Mary';

4. Tordna lill-intimat sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li dawn il-proceduri jghaddu in gudikat jaghmel il-korrezzjoni, thassir u registrazzjonijiet mitluba fic-certifikati hawn fuq indikati;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 9 ta' Novembru 2016 (fol 14) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi **l-Artikolu 181B** (3) **tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi in linea preliminari ukoll jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* **tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 7878 tas-sena 1954, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-esponent umilment jirrileva li ma gew esebiti l-ebda dokumenti flimkien mar-rikors guramentat biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrent huwa maghruf bhala 'John' hekk kif jezigi **l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ir-rikorrent ghalhekk irid iressaq l-imsemmija dokumenti flimkien ma' xhieda affidabbli *viva voce* jew tipprezenta affidavits ta' familjari li ghandhom jikkonfutaw it-tezi tieghu ossia li tul hajtu huwa kien konsistentement msejjah bhala 'John' u mhux 'John Mary';

5. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirriserva l-pozizzjoni tieghu *stante* li jkun f’ pozizzjoni ahjar li jwiegeb meta u jekk tigi provduta evidenza li turi illi r-rikorrenti kien konsistentament maghruf bhala 'John' u mhux 'John Mary';

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 19 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Claudio Zammit ghall-attur. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u d-difensur tieghu msejhin tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza *in difett ostacolo* ghat-28 ta' Frar 2017 fid-9:30a.m. Aktar tard dehret Dr Graziella Tanti li hadet konjizzjoni ta’ dan il-verbal.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-7 ta' Ottubru 2016 (fol 10), u b'hekk it-tieni eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Illi peress li Dr. Graziella Tanti tat ruhha b'notifikata, ghan-nom tal-Avukat Generali, *seduta stante*, l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata hekk kif jirrizulta mill-verbal datat 10 ta' Novembru 2016 (fol 18).

Illi r-rikorrent qed jitlob li ismu kif jidher fic-certifikat tat-twelid jigi korrett billi ismu jigi mnizzel bhala "John" u mhux "John Mary".

Illi fil-mertu, r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien u hu maghruf konsistentement bhala John. Ghal dan il-ghan, esebixxa kopji ta' dokumenti, fosthom kopja ta' ktieb li kien ircieva l-iskola bl-isem "John", certifikati relatati mal-professjoni tieghu, kif ukoll dokumenti civili, u testamentarji, fejn ir-referenza ghar-rikorrent hija bl-isem ta' John u mhux John Mary.

Inoltre`, r-rikorrent xehed permezz ta' affidavit fejn ikkonferma bil-gurament li minn dejjem kien maghruf bhala "John" u mhux "John Mary". Semma li jiffacja problem

meta jkollu juza l-karta tal-identita` jew il-passaport peress li jirriflettu isem li ma jidentifikax ruhu mieghu. Spjega li huwa ser ikollu jibda juza l-karta tal-identita` aktar spiss *stante* li wasal biex jirtira.

Illi fid-dawl ta' l-affidavit u d-dokumenti esebiti, ir-raba' eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata, u r-rikorrent irnexxielu jipprova li huwa kien konsistentement maghruf sa minn tfulitu bl-isem "John" u mhux "John Mary". It-talba tieghu hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez tal-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent kien konsistentement imsejjah u maghruf bhala "John" u mhux "John Mary".

2. Kwindi tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid numru 7878 tas-sena 1954, billi taht l-intestatura "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem "John Mary" ghandu jigi sostitwit bl-isem "John".

3. Referibbilment ghat-tielet talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi. Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba biex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrent li jerga' jirrikorri in gudizzju ghal korrezzjonijiet f'atti ohra jekk ikun il-kaz.

4. B'referenza ghar-raba' talba tiddisponi mill-istess fit-termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex isiru l-korrezzjonijiet ordnati fit-terminu hemm imfisser.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Frar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar 2017**